# 1

# Ix-Xelter taz-Zija Karm

Ix-xita kienet nieżla ġmielha! L-ewwel xita tas-sena, li kulħadd tant ikun jistennieha, issa kienet qed tfaqqa' bla ħniena; u l-għasafar, il-gremxul u n-nemel ilkoll tgeddsu ġol-bejtiet tagħhom għall-kenn. Anki l-qattus l-iswed deher jaqbeż minn ċint għal ieħor biex ifittex jasal taħt ir-rummiena.

Louis, Rita u Mario kienu wkoll imgeddsin ġewwa. Kienu qed jieħdu gost wara t-tieqa jħarsu lejn il-ġnien mifqugħ bl-ilma, jaraw il-miżieb ta' fuq il-bejt iċafċaf u jċaflas u s-siġar u x-xtieli lkoll donnhom bexxiexa waħda.

Iz-zija Karm kienet fil-kċina qiegħda tlestilhom it-te bil-biskuttelli, bil-qattusa l-bebbuxija tħakkek il-ħin kollu ma' saqajha.

"Ir-*rediffusion* qal li kellha tagħmel ix-xita," qabżet tgħid Rita waqt li bdiet tonfoħ fuq il-ħġieġa tat-tieqa u żżelleġ il-fwar b'sebagħha.

"L-aqwa li qegħdin ġewwa," żied Mario.

"Dażgur," weġibhom Louis fil-ħin li resaq aktar qrib tat-tieqa, "minn hawn ġew ma nixxarrbux. Issa xita nibdew nistennew. Ottubru ilu ġimgħa li beda."

"Jien ma ddejjaqnix ix-xita," qal Mario.

"Tassew," kompliet it-tifla, "jien ili li xbajt mis-sajf. Ix-xitwa nħobbha aktar għax … għax il-maltemp jogħġobni."

“L-istaġuni kollha fihom xi ħaġa sabiħa,” qabad jgħid Louis, “li kieku jkollna xitwa biss niddejqu, u b’sajf biss niddejqu wkoll …”

U bla ma laħaq spiċċa l-kelma nstemgħet tkarwat ragħda mill-kbar nett.

“Santa Barbara …!” għajtet iz-zija Karm li proprju dak il-ħin inzertat ġejja b’żewġ kikkri te f’idejha. “Dan x’inhu ġej illum?! Kif ħasditni dis-sajjetta! Ejjew ħudu t-te għax jiksħilkom.” U minnufih newlitilhom il-kikkri u l-platt bil-biskuttelli. It-tfal bilkemm tawha żmien tqegħedhom fuq il-mejda li ma darux magħha jqarmċu l-biskuttelli u jixorbu. Dik ix-xita donnha kienet tiftaħlek l-aptit.

Louis, Rita u Mario kienu jieħdu gost wisq meta jqattgħu xi tliet ġimgħat jew aktar għand iz-zija Karm u z-ziju Pawl. Il-mamà tagħhom kienet ilha mejta ħafna u Mario, li kien iż-żgħir, bilkemm kien jiftakarha. Missierhom kien sikwit isiefer minħabba x-xogħol u ġieli dam xahar jew tnejn. Għalhekk, waqt li missierhom ikun imsiefer it-tfal kienu jmorru joqogħdu maz-zija u z-ziju. Iz-zijiet ma kellhomx tfal u għalhekk tgħidx kemm kienu jħobbuhom lit-tliet neputijiet tagħhom. Kienu qishom missierhom u ommhom. U t-tfal xejn ma kienu jiddejqu meta jkunu għandhom. Iz-zijiet kellhom dar kbira u ġnien sabiħ fejn jistgħu jilagħbu.

Iz-ziju Pawl kien dilettant wisq tal-ġnien. Dejjem medhi jsaqqi u jħawwel, ixettel u jiżbor. U l-ġnien, bis-saħħa taz-ziju Pawl, kien tabilħaqq wieħed mill-isbaħ ġonna tar-raħal. Kien mimli siġar tal-lumi u tal-larinġ. Fir-rokna ta’ ġewwa

nett kellhom rummiena kbira u mal-passaġġi kien kollu ward tax-xewk u girlandi. F'Mejju kien ikun qisu l-ġenna tal-art. Imbagħad f'nofs il-ġnien sewwa z-ziju kien għamel vaska mdaqqsa mimlija ħut tal-ilma ħelu. Kien ġnien li jgħaxxaq lil kull min jarah.

"Grazzi tat-te, zi," qabeż jgħid Louis, "hekk inħobbu jien it-te … karg."

"Kulu ħa tikbru," qaltilhom iz-zija waqt li tbissmitilhom minn fuq in-nuċċali, "min ma jikolx ma jikbirx … jibqa' nanu!"

"Bħal Mario," iddeffset Rita.

"Jien niekol aktar minnek," weġibha Mario biċ-ċiera.

"Imma xorta bqajt qasir," kompliet oħtu.

"Tibżax, Mario," daret tgħidlu z-zija Karm, "meta Rita kienet daqsek qasira wkoll kienet. La tikber titwal bħalha int ukoll."

Rita u Mario kienu dejjem jinku lil xulxin, għax għalkemm Rita kienet sentejn biss akbar minnu kienet tħobb tagħmilha tal-mamà miegħu. Louis, il-kbir, kien aktar bil-għaqal. Iħobb jara t-televixin, jaqra xi ktieb sabiħ, imur xi passiġġata meta jkun bnazzi u fuq kollox kien dilettant tal-ġnien bħaz-ziju Pawl. Ma rridx ngħid li Rita u Mario ma kinux bil-għaqal ukoll. Rita kienet qisha mara żgħira għax tgħidx kemm kienet tgħinha fil-faċendi liz-zija Karm. Mario kien dejjem jiġri minn ħanut għal ieħor jaqdi lil kulħadd.

"Waslet it-telegramma tal-papà!" għajtet iz-zija waqt li daħlet tiġri fil-kamra. It-tfal daru magħha.

"X'qalilna? X'qalilna?" staqsewha lkoll flimkien.

“Bagħat jgħidilna li wasal qawwi u sħiħ, u jselli għalina lkoll,” weġbithom iz-zija Karm.

“Fit-telegramma mhux se tikteb fit-tul,” żiedet iz-zija waqt li twiet it-telegramma u poġġietha fuq il-vetrina, “issa x’aktarx li jiktbilna ma jdumx.”

“Nixtieq insiefer xi darba,” qal Louis xħin inxteħet bilqiegħda fuq is-sufan, “qatt ma ried jeħodni miegħu l-papà.”

“Mela l-papà jista’ jieħdok miegħu?” qalet iz-zija. “Dak fuq xogħol ikun u mhux vaganza.”

“Jien ukoll nixtieq nitla’ fuq ajruplan,” kompliet Rita.

“Għadek bla għaqal int,” żiedet tgħidilha z-zija Karm, “xi trid titla’ tagħmel fuq ajruplan? Għall-periklu?”

“Periklu b’daqshekk …?” infexx jidħaq Louis.

“Dażgur li periklu,” weġbitu z-zija, “kemm ilu li waqa’ wieħed l-Italja?!”

“Il-papà jgħid li tkun komdu ħafna fuq ajruplan,” qal Mario.

“Anki torqod tista’,” reġgħet Rita.

“Mela … dażgur!” qabżet fil-pront iz-zija Karm. “Norqod waqt li nkun intir! Mela jien miġnuna …!”

It-tfal infexxew jidħqu flimkien u qalulha, “Mela l-ajruplan se ssuqu int …?”

“Ma nafx jien,” nefħet fl-aħħar iz-zija waqt li poġġiet ukoll fuq is-sufan, “l-ajruplani qatt ma ħmilthom. Fil-gwerra kont inħoss qalbi ħierġa meta kont nismagħhom iwerżqu fuq rasna.”

“Imma fil-gwerra bilfors kontu tibżgħu,” qalet Rita.

"Ġieli ġew bombi n-naħa tagħkom, zi?" staqsa Louis.

Iz-zija kienet tħobb wisq tirrakkonta, l-aktar fuq iż-żminijiet tal-imgħoddi u meta xi ħadd kien isemmilha l-gwerra araha tibda tredden u m'hemmx li tieqaf. Iżda t-tfal kienu jieħdu gost jisimgħuha u minnufih daru magħha fuq is-sufan lesti biex jaraw x'kellha x'tgħidilhom dwar il-bombi. Ix-xita kienet naqqset xi ftit iżda kienet għadha ma waqfitx għalkollox. Ir-ragħad kien jinstema' fil-bogħod.

"Dażgur li ġew bombi," bdiet iz-zija. "Niftakar meta kienu ġew dawk l-erba' balal fil-pjazza. Kienu mietu tlieta u għoxrin ruħ dakinhar. Kienet mietet Ġanna tal-kantuniera, Alla jaħfrilha, u n-nannu kien intlaqat fi driegħu bi splinter."

"Ma x'biża' …!" temtmet Rita.

"Anzi meta mbagħad ħaffirna x-xelter fil-ġnien kellna fejn indeffsu rasna," kompliet tgħidilhom iz-zija.

"Mela fil-ġnien hemm xi xelter?!" staqsa minnufih Louis.

"I … dażgur," weġbitu zitu, "mela qatt ma indunajtu bih dak il-bieb baxx tal-injam li hemm ħdejn ir-rummiena?"

"Iva … iva!" qabżu t-tfal.

"Dak hu x-xelter," reġgħet iz-zija. "Hemm taraġ imħaffer fil-blat u kif tinżel issib kuritur b'ħafna kmamar ħerġin minnu. Tgħidx x'biċċa xogħol ħadna biex ħaffirnieh. Kulħadd kien jagħti daqqa t'id. Qatt ma qalilkom il-papà kemm konna bżajna meta sibna dik il-ħofra …?"

"X'ħofra hi? X'ħofra hi?" għajtu t-tfal flimkien waqt li tgeddsu aktar madwarha.

“Mela, mela,” reġgħet bdiet tgħid iz-zija Karm, “waqt li konna qed inħaffru l-kuritur, in-nannu, Alla jaħfirlu, ta daqqtejn ta’ baqqun u f’salt wieħed infetħet ħofra daqsiex faċċata tiegħu. Kulħadd skanta. Ġol-ħofra kien jidher dlam ċappa u n-nannu qalilna li x’aktarx kienet tagħti għal ġo xi għar kbir. Tant hu hekk li meta xħitna ġo fiha ġebla żgħira għamlet ħoss jirbombja malli ħabtet mal-qiegħ.”

“Allura x’kien hemm ġol-ħofra?” staqsa Louis.

“Fejn naf!” weġbitu z-zija. “In-nannu malajr għaġen ftit tajn, ġieb żewġ knatan u raġa’ għalaq il-ħofra kif kienet qabel. Minflok bqajna nħaffru dritt komplejna nħaffru lejn il-lemin.”

“Kif … allura bqajtu ma nżiltux taraw x’kien hemm?” tenna Louis.

“Mela aħna boloh …!?” għajtet iz-zija. “Sewwa jkun hemm xi ħaġa perikoluża! In-nannu saddha malajr bil-ġebel u ħadd ma ta kasha aktar.”

It-tfal baqgħu jħarsu lejn xulxin. Qatt ma kienu semgħuha qabel dil-biċċa.

“Allura għadu jidher il-post fejn kontu sibtu l-ħofra?” staqsa Louis ħosbien.

“Naħseb li għadu,” weġbitu z-zija, “jien ili s-snin ma ninżel fix-xelter. Iżda dik il-ħabta kienet tidher sewwa. Ara, ħa ngħidlek: kif tinżel fix-xelter issib ruħek ġo kuritur twil. Wara ftit il-kuritur jikser lejn il-lemin. Preċiż faċċata, qabel ma ddur lejn il-lemin, irid ikun hemm tlieta jew erba’ ġebliet imkaħħlin b’xi tajn jew siment. Warajhom konna sibna l-ħofra.”

Dak il-ħin instemgħet il-kitla tal-misħun issaffar u twerżaq. Iz-zija ġriet lejn il-kċina u t-tfal baqgħu waħidhom fuq is-sufan jaħsbu bla ma jitkellmu fuq il-ħofra misterjuża tax-xelter.

"Imxi ninżlu fil-ġnien," qalilhom Mario, "ara ħierġa x-xemx."

"Iva. Ix-xita waqfet," żiedet Rita. U bla ma ħasbuha darbtejn it-tfal qamu minn fuq is-sufan u ġrew lejn il-bieb tal-bitħa. Malli rifsu mill-għatba 'l barra laqgħethom riħa tfuħ ta' ħamrija mxarrba. Ix-xemx fietla kienet qed tittawwal minn wara s-sħab u 'l hawn u 'l hinn l-għasafar kienu jpespsu u jittajru. Il-bebbux kien diġà ħareġ jittawwal u s-settembrini taz-ziju Pawl kienu jleqqu kollhom qtar tal-ilma. Ir-rummien kien jidher aktar sabiħ bir-raxx tal-ilma fuqu. Ġol-bir l-ilma kien għadu jinstama' jqattar u jċaflas.

It-tfal baqgħu sejrin dritt lejn ir-rummiena u waqfu ħdejn bieb baxx bl-injam mherri.

"Mela dan hu x-xelter," qalet Rita.

"Jien kont naħsibha xi kamra tal-imbarazz," qal Louis.

"Anki jien," żied Mario biex ikun qal xi ħaġa huwa wkoll.

"Maqful b'xi muftieħ," qalet it-tifla waqt li ppuntat sebagħha lejn is-serratura.

"Imma xorta ninżlu ġo fih," kompla Louis bi tbissima.

"Iva, iva … ejja ninżlu, Louis," qabdu jgħajtu t-tnejn l-oħra.

"Inkissru l-bieb," qabeż Mario.

"Ma nkissru xejn," raġa' Louis, "ngħidu liz-zija tagħtina



*It-tfal baqgħu sejrin dritt lejn ir-rummiena u waqfu ħdejn bieb baxx bl-injam mħerri.*